MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2007

Talba Numru. 307/2007

**Talba Nru: 307/07VGD**

Cementstone Manufacturing Company Limited (C7758)

Vs

Anthony Abela (Id. 338365M)

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas minghand il-konvenut tas-somma ta' tlett mija, hamsa u sebghin lira Maltin u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm375.22c) rapprezentanti l-prezz ta' materjal ta' bini ordnat u kkonsenjat mis-socjeta' attrici. Illi nonostante interpellat diversi drabi sabiex ihallas, il-

konvenut baqa’ inadempjenti minghajr ebda raguni valida fil-ligi, u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni. Bl-ispejjes u bl-imghax legali mid-data tal-konsenja, u cioe mit-2 ta’ Frar 2006 sal-pagament effettiv.

Ra l-verbal tas-seduta tal-19 ta’ Ottubru 2007, fejn it-Tribunal gie nfurmat illi l-konvenut kien hallas l-ammont tas-sorte fis-27 ta’ April 2007, u cioe fil-mori tal-kawza odjerna, u fejn l-avukat difensur tas-socjeta’ attrici talbet illi tinghata sentenza fir-rigward tal-ispejjes tal-kawza u tal-imghaxijiet kif mitluba fl-Avviz.

Ra d-dokumenti kollha esebiti.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Ghaldaqstant, peress illi jirrizulta car illi l-ammont tas-sorte thallas waqt il-mori tal-kawza, it-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici limitatament ghall-hlas tal-ispejjes tal-kawza u l-imghaxijiet dovuti, u jikkundanna l-konvenut sabiex ihallas l-imghax legali mid-data tal-konsenja u cioe mit-2 ta’ Frar 2006 sad-data tal-pagament effettiv, u cioe sas-27 ta’ April 2007. L-ispejjes kollha tal-kawza ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------